MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 262/2012

**Kenneth Pullicino (KI497571-M) ezercitanti l-kummerc taht
l-isem Kenneth Hardware Stores**

**vs**

**Jason Zammit
ID-557874(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qieghed jitlob li jithallas is-somma ta' elf tlett mija u hamsa u ghoxrin Euro u disa' u sebghin centezmu (€1,325.79c) rapprezentanti invoices ghal diversi hardware products li nxtraw minghand il-hanut tal-istess attur, liema invoices huma kif jidhru fl-istatement li qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. KP1, bl-ispejjez, bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar invoice u cioe' mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li gie pprezentat nhar is-ebgha

u ghoxrin (27) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf tliet mija hamsa u ghoxrin Euro u disgha u sebghin centezmu (€1,325.79c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------